**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' April, 2025

Rikors Ġuramentat: 229/22AL

**A B**

**vs.**

1. **C D f'isimha proprju u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2023 nominata bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E D u**
2. **Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur fejn ippremetta s-segwenti:

*1. Illi minn relazzjoni intima li l-attur kellu ma' l-intimata, twieldet tifla bl-isem ta' "E" preżentament bil-kunjom "D" nhar it-18 t'Ottubru, 2021 u dan skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. JB1';*

*2. Illi missier l-imsemmija minuri ġie indikat afl-Att tat-Twelid relattiv bħala "mhux magħruf";*

[1] Fol. 1.

*3. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri msemmija, huwa l-attur.*

*4. Illi minkejja l-fatt li l-konvenuta ġiet interpellata skond ma jipprovdi l-Artikolu 86 tal-Liġijiet ta' Malta hija ma ħaditx il-passi neċessarji sabiex sabiex isir it-tibdil necessarju fl-Att tat-Twelid tal- minuri;*

*6. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:*

1. *Tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D u dan okkorrendo anki bl-għajnuna tal-ħatra ta' periti nominandi;*

2. *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid relattiv u dan billi fil-kolonna ta' l-isem ta missier it-tarbija jitneħħew il-kliem li jindkaw li l-missier mhux magħruf u minflok jiġu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur, kif ukoll billi jagħmel dawk il-korrezzjonijiet sabiex il-minuri tkun magħrufha bl-isem u kunjom "E B" jew "E B D" minflok "E D".*
3. *Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ha jippublika l-att tat-twelid hekk kif korrett.*

*Bl-ispejjes inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru "58/2022" kontra l-intimata C D, li flimkien mal-konvenut l-ieħor qed jiġu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentat tal-konvenuta[2] li permezz tagħha eċċepiet:

---

[2] Fol. 12.

*1. Illi fil-mertu, l-esponenti tissottometti illi l-partijiet kellhom frekwentazzjoni ta' xi xhur.*

*2. Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponenti ma topponix ghall-istess dment li jsiru t-testijiet genetici appoziti.*

*3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jirrizulta li l-minuri hija bint ir-rikorrent, l-esponenti qed tirriserva minn issa li tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-istess bint.*

*4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissotometti illi jekk jirrizulta li l-minuri hija bint ir-rikorrent, kunjom l-esponenti xorta għandu jibqa' jifforma parti minn kunjom bintha.*

*Finalment, l-esponenti qiegħda topponi bis-sħiħ għall-ispejjez tal-proċeduri odjerni u tikkontendi li dawn ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xiedha tal-konvenuta;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn eċċepixxa s-segwenti:
*1. Illi jibda billi jingħad li fir-rigward tal-mertu tal-proċeduri odjerni, ossia l-paternità in tal-minuri E D, l-esponent jissottometti illi mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors promotur u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar- riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*2. Illi l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati jissottomettu ruħhom għat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

[3] Fol. 15a.

*3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri;*

*4, Illi in oltre, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, huwa għandu, permezz ta' nota, jispeċifika d-dettalji tiegħu fil-mument tat-twelid tal-minuri, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal- identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldet il-minuri E, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet E, (6) L-isem u l-kunjom tal-ġenituri tiegħu, u (7) Jekk il-ġenituri tiegħu kinux ħajjin meta twieldet il-minuri E. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri nnumerat 5808/2021;*

*5. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-esponent jissottometti illi huwa jkun jista' joħroġ att tat-twelid illi jirrifletti l-korrezzjonijiet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba jitħallsu d-drittijiet dovuti ai termini tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili;*

*6. Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Jannar 2023 li bih il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex il-konvenuta tkun maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E D, sabiex tirrappreżenta l-interessi tagħha fil-proċeduri odjerni;

Rat il-verbal tad-19 ta' April 2023[4] f'liem seduta l-Qorti ħatret lil Dr Marisa Cassar sabiex tagħmel it-testijiet ġenetiċi tal-partijiet u tippreżenta r-rapport tagħha fir-reġistru tal-Qorti;

Rat il-provi li nġiebu mill-partijiet kemm dwar l-eċċezzjonijiet u kemm dwar il-mertu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum[5];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri E D imwielda minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D fit-18 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement biex isiru t-tibdiliet neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri biex jirrifletti dan. Sal-lum, il-minuri hija dikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm ossia "D". B'hekk l-azzjoni qiegħda ssir *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenuta, min-naħa tagħha, ma topponix it-talba tal-attur diment li jsiru t-testijiet ġenetiċi appożiti u li jekk jirriżulta li l-minuri hija bint l-attur, kunjomha xorta għandu jibqa' jifforma parti minn kunjom bintha u topponi bis-sħiħ għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni li tirreleva li għandhom jitħallsu mill-attur.

**Prinċipji Legali**

Artikolu 86 subinċiż 1 tal-Kap 16 jaqra hekk:

---

[44] Fol. 39.
[5] Verbal tas-6 ta' Novembru 2024 a. fol. 59.

*"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:*

*Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:*

*Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili".*

Illi l-Qorti tinnota li fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur jirreferi għall-ittra uffiċjali numru 58/2022 (li tagħha jippreżenta kopja[6]) fejn *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 interpella l-konvenuta.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2024[7] tagħha l-konvenuta tgħid li rċeviet l-ittra uffiċjali. Għalhekk il-proċedura meħtieġa ġiet segwita.

**Provi**:

[6] Fol. 7.
[7] Transcript a fol. 60.

*Provi tal-attur*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit[8] ppreżentat permezz ta' Nota fid-19 ta' April 2023. Huwa jgħid illi kellu relazzjoni mal-konvenuta C D li bdiet madwar ħames snin ilu u li dejjem kellhom ix-xewqa li jkollhom it-tfal. Huwa jgħid li fi Frar 2022 kellhom x'jaqsmu flimkien u ftit wara l-konvenuta qaltlu li ħarġet tqila.

Jgħid li meta twieldet it-tifla E hu kien mar l-isptar u l-konvenuta ħallietu jieħu r-ritratti mat-tarbija u attenda anke għall-magħmudija fil-Knisja Parrokjali ta' Ħaż-Żabbar. Jgħid li kien hemm drabi wkoll fejn żamm anke lit-tifla għandu.

Jgħid li iżda dal-aħħar il-konvenuta kienet qed tirrifjuta li turih lit-tifla u li hu jixtieq li jkollu sehem fit-trobbija tagħha.

Huwa jippreżenta wkoll Nota in ottempranza mal-verbal tal-Qorti tad-19 ta' April 2023[9] b'referenza għar-raba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn jgħaddi s-segwenti informazzjoni:

*i. In-numru tal-karta tal-identita' tal-esponenti -*
*ii. Ismu u kunjomu - A B;*
*iii. L-eta' tal-esponenti meta kellu l-minuri E - 33 sena;*
*iv. Il-post tat-twelid tal-esponenti - Pieta';*
*v. Il-post ta' residenza tal-esponenti dakinhar tat-twelid tal-minuri E -*
*vi. L-isem u l-kunjom tal-ġenituri tal-esponenti - F B u A B H I, liema ġenituri kienu ħajjin dakinhar tat-twelid u għadhom ħajjiin anke llum il-ġurnata.*

Illi għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tal-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

*Provi Konvenuta*

---

[8] Fol. 42.
[9] Fol. 41.

Il-konvenuta tixhed permezz ta' affidavit[10] ppreżentat permezz ta' Nota fl-atti fit-8 ta' Marzu 2024. Hija tgħid li r-relazzjoni tagħha mal-attur dejjem kienet torbulenti u hi kienet tħassar ir-relazzjoni kemm-il darba kienet issib jew messaġġi mingħand mara oħra, jew meta jibda ma jitrattahiex sew jew jerfa' idu fuqha speċjalment meta t-tifel tagħha (minn relazzjoni oħra) ikun qed jagħmel xi ħaġa u jirrabjah. Meta twieldet it-tifla E, tgħid li huma ma kienux flimkien u kienet intavolat rapport kontrih dwar vjolenza domestika. Hu kien heddidha li jekk ma jgawdix hu lit-tifla ma jgawdiha ħadd.

Tgħid li meta welldet kienet infurmat lill-attur u hu kien mar l-isptar mal-ġenituri tiegħu. Tgħid li hi qatt ma riedet iċċaħdu bħala missier milli jara lit-tifla. Tgħid li l-isptar stess kienet tatu karta u hu ffirmaha wara li qratielu ommu li fiha t-tifla kienet indikata bħala "E B D". Tgħid iżda, li meta marru biex jirreġistrawha u l-uffiċjal tal-ID Malta bdiet taqralhom dak kollu li kitbu u ffirmaw għalih, kif sema l-isem E B D beda jgħajjat u jgħid li mhux ser jaċċetta li jħallat kunjomu ma' kunjomha. Tgħid li hi ddispjaċiha ħafna u fost ħafna għajjat u dagħha huma u sejrin id-dar huwa beda jgħid li ma għandux x'jambiha lit-tifla għax kellu żewġt itfal oħra. Għalhekk tgħid li ma kEx għażla oħra ħlief li tirreġistra lit-tifla b'missier mhux magħruf. Tgħid li darba anke hedded li ħa jaħraq lit-tarbija u tħoss li ma tistax tafdah magħha.

Il-partijiet flimkien jippreżentaw ukoll Nota konġunta[11] li permezz tagħha b'referenza għat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirrelevaw illi d-dettalji tal-missier li għandhom jitniżżlu fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri huma d-dettalji li diġà kienu ġew preżentati permezz ta' Nota mill-attur fid-19 ta' April 2023 u in oltre jinfurmaw il-Qorti li jaqblu illi kunjom il-minuri għandu jkun "B D."

It-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għalhekk ġiet ukoll sorvolata.

*Provi Xjentifiċi*

---

[10] Fol. 52.

[11] Fol. 57.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, debitament maħlufa. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta: "...*f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri...*"[12]

Illi fil-każ odjern, skont id-DNA Paternity Test Report redatt minn Dr Marisa Cassar,[13] ġie ċertifikat li ma jistax jiġi eskluż li l-attur A B hu l-missier naturali tal-minuri E D li twieldet fit-18 ta' Ottubru 2021 u li l-probabilità ta' paternità hija ta' 99.9999%.

B'hekk ġiet sorvolata wkoll it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Ikkunsidrat:**

Għalhekk il-Qorti trid hawn tara jekk l-attur irenxxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-minuri E D hija l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġi korrett l-Att tat-Twelid relattiv tal-minuri L-aqwa prova, f'kawża bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern it-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar l-istess paternità. Il-konvenuta omm stess qatt ma ċaħdet li l-attur huwa missier it-tarbija E, la meta din twieldet u lanqas fil-kawża.

Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-edba raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur.

Dwar il-kunjom tal-minuri l-Qorti tara li l-minuri għada żgħira u li skont dak mifthiem mill-partijiet il-kunjom tal-attur ser ikun qed jiżdied ma' dak li diġà għandha l-minuri u għalhekk mhux ser tkun bidla a detriment tat-

[12] A B vs C D et deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' April 2018 (Rik. Ġur. Nru. 79/16).
[13] Rapport Nru. PT23-1564 kkonfermat permezz ta' affidavit tal-espert datat 8 ta' Jannar 2024, esebit in atti.

tifla u għalhekk ser tilqa' t-talba tal-attur sabiex kunjom il-minuri jkun dak ta' "D B".

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tiddeċiedi dwar l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku *stante* dak li ser jiġi deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E D;

3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E D, Att numru ħamest elef tmien mija u tmienja tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (5808/2021), huwa jikkanċella l-kliem "missier mhux magħruf" u minflok jitniżżel l-isem ta' A B. Tordna wkoll li jitniżżlu, l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur li meta twieldet il-minuri, huwa kellu tlieta u tletin (33) sena, imwieled il-Pietà nhar l-20 ta' Marzu 1991 u residenti Bormla. Missier l-attur għadu ħaj. Tilqa' t-talba wkoll sabiex il-minuri tkun magħrufa bil-kunjom "B D" u li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi f'dan is-sens;

4. Tilqa' t-tielet talba;

5. Tilqa' s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'dan li l-ispejjeż tiegħu għandhom jiġu sopportati mill-attur.

L-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż dawk tal-ittra uffiċjali *58/2022* jitħallsu mill-attur salv għal dawk tal-espert forensiku li għandhom jitħallsu ugwalment bejn il-partijiet.